# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 13 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 10.**
**Citazz. Nru. 1578/99 JRM**

**Charles Grima**

**vs**

**Mario Camilleri.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li biha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' elfejn tmien mija wiehed u disghin lira erbghin centezmu (Lm2891.40c) import komplessiv ta' sitt (6) kambjali, iffirmati u accettati mill-konvenut, li mmaturaw, liema kambjali huma annessi u markati minn Dok. CG1 sa CG6;

Illi l-konvenut baqa’ inadempjenti ghalkemm kien interpellat mill-attur biex ihallas l-import tal-kambjali;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn tmien mija wiehed u disghin lira erbghin centezmu (Lm2891.40c) import komplessiv tas-sitt kambjali fuq riferiti, iffirmati u accettati mill-konvenut, li mmaturaw.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju Nru 2993/99, u bl-imghax legali mid-data tal- iskadenza ta’ kull kambjala, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix- xhieda ta’ l-attur;

Semghet l-Avukat ta’ l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa’ t-talba ta’ l-attur** kif dedotta fic-citazzjoni b’dan illi tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta’ elfejn tmien mija wiehed u disghin lira erbghin centezmu (Lm2891.40c) import komplessiv tas-sitt kambjali fuq riferiti, iffirmati u accettati mill-konvenut, li mmaturaw, bl-ispejjez, komprizi dawk tal- mandat ta’sekwestru kawtelatorju Nru. 2993/99 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala kontra l- konvenut.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**13, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**13, t'Ottubru, 2000.**